**IMPORTANTI: Aqra dawn l-Istruzzjonijiet għat-Tħaddim u s-Sikurezza qabel ma tuża l-Mini-Ductor® II+**

# MINI-DUCTOR® II+ CE

## ISTRUZZJONIJIET GĦAT-TĦADDIM U S-SIKUREZZA

**Nispeċjalizzaw f'Sistemi li Jsaħħnu b'Kurrent Elettriku Indott bi Prestazzjoni Għolja għas-Suq ta' Wara l-Bejgħ tal-Karozzi**

**Induction International, Inc.**
**1175 Jansen Farm Court**
**Elgin, IL 60123-2595**
**www.theINDUCTOR.com**

**Free Phone 877-688-9633**
**Lokali 847-836-6933**
**Fax 847-551-3369**
**info@theinductor.com**

FORMOLA 122013001

Manwal tal-Istruzzjonijiet għal Mini-Ductor® II+
Drittijiet tal-awtur © 2014 Induction International, Inc.

Kull dritt huwa riżervat. L-ebda parti minn dan id-dokument ma tista' tkun roprodotta, miżmuma f'sistema ta' rkupru ta' data jew trażmessa b'xi mod, elettroniku, mekkaniku, kimiku, ottiku, manjetiku, billi jkun fotokopjat, stampat jew b'xi mod ieħor, ħlief bil-permess bil-miktub tal-awtur jew ta' Induction International. Ma tinżamm l-ebda responsabilità ta' privattivi fir-rigward tal-informazzjoni miġbura hawn.

Trejdmarks

Mini-Ductor® hija trejdmark ta' Induction International Inc. It-termini kollha jew marki tas-servizz użati f'dan il-manwal ġew kapitalizzati kif suppost. Il-kumpanija, Induction International Incorporated ma tistax tikkonferma l-eżattezza ta' din l-informazzjoni. L-użu ta' trejdmark jew marka ta' servizz f'dan il-manwal m'għandux jitqies li jaffetwa l-validità ta' kull trejdmark jew marka ta' servizz.

Avviż u Ċaħda tal-Użu:

Sar kull sforz biex ikun żgurat li dan il-manwal huwa eżatt u komplut, imma m'hi implikata l-ebda garanzija jew adegwatezza. Din l-informazzjoni qed tingħata fuq bażi kif inhi. L-awturi u Induction International, Inc. m'għandhom jinżammu responsabbli minn ebda persuna jew entità fir-rigward ta' telf jew ħsara, diretti jew indiretti, li ġejjin mill-użu ta' informazzjoni li tinsab f'dan id-dokument.

# Werrej


Paġna

I. Regoli ta' Sikurezza ........ 4-7
  A. Regoli Ġenerali ta' Sikurezza għaż-Żona ta' Ħidma ........ 4
  B. Regoli ta' Sikurezza Personali ........ 4-5
  C. Regoli ta' Sikurezza fl-Elettriku ........ 5-6
  D. Regoli ta' Sikurezza f'Każ ta' Periklu ta' Nar ........ 6
  E. Regoli ta' Sikurezza fl-Użu ta' Għodda ........ 6-7
II. Komponenti tal-Inductor® Mini-Ductor® II+ ........ 8
III. Prinċipji għat-Tħaddim ........ 9
IV. Preparazzjoni għall-Użu ........ 9
  A. Użu tal-Generator u l-Inverter ........ 9
    1. Generator ........ 9
    2. Inverter ........ 9
V. L-Użu tal-Pre-Formed® coil ........ 9-10
  A. Kif tħoll skorfini u boltijiet ta' ≤3/4" li huma mikula, imsaddin u "ffriżati" 10
VI. L-Użu tal-U-Form® coil ........ 10
  A. Kif tħoll skorfini u boltijiet ta' >3/4" li huma mikula, imsaddin u "ffriżati" 10
  B. Kif tneħħi għafsiet tas-silġ / daqqiet żgħar bis-sħana f'folji tal-metall 10
VII. L-Użu tal-Bearing Buddy® coil ........ 11
  A. Kif tespandi parti sabiex tneħħi parti ingasstata ........ 11
VIII. L-Użu tal-Mini-Pad® (fakultattiv) ........ 11
  A. Kif tneħħi partijiet magħquda ........ 11
IX. Troubleshooting ........ 11
X. Kif għandek iżżarma u taħżen ........ 11-12
XI. Istruzzjonijiet għat-Tindif ........ 12
  A. Kura xierqa għat-tindif ........ 12
  B. Kura mhux xierqa għat-tindif ........ 12
XII. Garanzija u Tiswija ........ 12
  A. Garanzija Limitata ........ 12
Definizzjonijiet ........ 13-14
Informazzjoni dwar Dealers ta' Mini-Ductor® II+ ........ 15


Dan il-prodott huwa kopert min-numri tal-privattivi; 6,563,096 u 6,670,590

# I. Regoli ta' Sikurezza biex tuża l-Inductor® Mini-Ductor® II+

## A. Regoli Ġenerali ta' Sikurezza għaż-Żona ta' Ħidma

**⚠ WARNING**



**Aqra u ifhem l-istruzzjonijiet kollha.** Jekk tonqos milli ssegwi l-istruzzjonijiet kollha elenkati hawn taħt, dan jista' jwassal għal xokk elettriku, nar, u/jew feriment personali gravi.

**⚠ WARNING**

**Żomm iż-żona ta' ħidma tiegħek nadifa u mdawwla sew.** Huwa aktar faċli li jkun hemm inċidenti f'żoni mimlijin imbarazz u mudlama.

**⚠ WARNING**

**Żomm lil persuni oħra, tfal u annimali 'l bogħod waqt li tkun qed tuża l-Mini-Ductor® II+**. Dawn il-persuni jistgħu jikkawżaw xkiel li jirriżulta f'telfien tal-kontroll tal-Mini-Ductor® II+

**⚠ WARNING**

**Aħdem barra, jekk m'hemmx periklu ta' xita, ilma jew tixrib.** Jekk dan ma jkunx possibli, ara li ż-żona ta' ħidma fuq ġewwa jkollha ventilazzjoni tajba u tkun xotta. Kun żgur li l-fannijiet tal-ventilazzjoni jkunu qed imexxu l-arja minn ġewwa għal barra.

**⚠ CAUTION**

**Żomm apparat għat-tifi tan-nar (fire extinguisher) iċċarġjat fil-viċin il-ħin kollu meta tkun qed tuża l-Mini-Ductor® II+.**

## B. Regoli ta' Sikurezza Personali

**⚠ DANGER**





**Tħaddimx il-Mini-Ductor® II+, u żomm tal-anqas tliet piedi l-bogħod minn Mini-Ductor® II+ li jkun qed jopera, jekk għandek pacemaker tal-qalb jew kull tip ieħor ta' apparat mediku elettroniku jew tal-metall.** Għalkemm l-oqsma manjetiċi li joħorġu mill-għodda jivjaġġaw ftit pulzieri biss, dawn jippreżentaw riskju perikoluż għat-tħaddim tajjeb ta' apparat elettroniku mediku fl-utent jew persuni oħra. Għaldaqstant huwa neċessarju li persuni b'apparat mediku elettroniku jew metalliku MA JUŻAWX il-Mini-Ductor® II+ u m'għandhomx jersqu eqreb minn tliet piedi tiegħu meta dan ikun qed jintuża f'każ li jkun hemm xi inċident u l-għodda titressaq lejn il-persuna li jkollha l-apparat mingħajr ħsieb u meta ma jkunx mistenni waqt li tkun qed tintuża.

**⚠ WARNING**



**Tħaddimx il-Mini-Ductor® II+ meta tkun liebes oġġetti metalliċi bħal ġojjellerija, ċrieket, arloġġi, katini, tags ta' identifikazzjoni, domni reliġjużi, bokkli għaċ-ċinturini, oġġetti ta' body piercing, eċċ.** Il-Mini-Ductor® II+ jista' jsaħħan dawn l-oġġetti malajr ħafna u dan jista' jikkawża ħruq serju jew jistgħu jaqbdu l-ħwejjeġ.

**⚠ WARNING**

**Tħaddimx il-Mini-Ductor® II+ meta tkun taħt l-effett ta' drogi, alkoħol jew xi medikazzjoni.**

**⚠ WARNING**

**Tiġġebbidx, oqgħod bilwieqfa sew u żomm il-bilanċ f'kull ħin.** Pożizzjoni u bilanċ tajba jippermettu kontroll aħjar tal-Mini-Ductor® II+ f'sitwazzjonijiet mhux mistennija.

**⚠ WARNING**

**Tużax il-Mini-Ductor® II+ fi spazju sa 4 pulzieri viċin kwalunkwe komponent tal-airbag.** Is-sħana ġġenerata mill-Mini-Ductor® II+ tista' tqabbad il-propellant tal-airbag, u b'hekk dan jisplodi f'daqqa. Irreferi

għall-manwal tal-vettura biex tkun taf il-post preċiż tal-airbag qabel tibda.

## *Regoli ta' Sikurezza Personali – Ikomplu*




**Neħħi l-muniti kollha, oġġetti tal-metall, ċwievet, pocket knives, għodda żgħar, jew kull oġġett ieħor tal-metall li jkun fil-ħwejjeġ jew fuqhom qabel ma tibda tħaddem il-Mini-Ductor® II+.** Terġax tieħu lura dawn l-oġġetti qabel ma tieqaf taħdem bil-Mini-Ductor® II+. Il-Mini-Ductor® II+ jista' jsaħħan dawn l-oġġetti malajr ħafna u dan jista' jikkawża ħruq serju jew jistgħu jaqbdu l-ħwejjeġ.




**Tilbisx ħwejjeġ li għandhom rivits metalliċi tal-bwiet, buttuni tal-qgħadd, buttuni fil-bwiet, u żippijiet waqt li tuża l-Mini-Ductor® II+.** Il-Mini-Ductor® II+ jista' jsaħħan dawn l-oġġetti metalliċi malajr ħafna u dan jista' jikkawża ħruq serju jew jistgħu jaqbdu l-ħwejjeġ.




**Dejjem uża nuċċali ta' potezzjoni meta tuża l-Mini-Ductor® II+.**




**Dħaħen minn adeżivi li huma sħan/qed jaqbdu huma tossiċi. Ilbes maskla b'filter doppju (trab u duħħan) li ġiet approvata mill-Occupational Safety and Health Administration (OSHA), in-National Institute of Safety and Health (NIOSH), jew il-United States Bureau of Mines.** Dawn il-maskli u filters li jistgħu jkunu sostitwiti huma disponibbli mingħand hardware stores kbar. Kun żgur li l-maskla tiġik sew. Daqna jew Xxagħar tal-wiċċ jistgħu jżommu l-maskla milli tissiġilla sew mal-wiċċ. Biddel il-filters spiss. TUŻAX MASKLI TAL-KARTI LI JINTREMEW.




**Ilbes ingwanti reżistenti għas-sħana meta tuża l-Mini-Ductor® II+.** Il-Mini-Ductor® II+ isaħħan il-metall malajr ħafna. Tista' taħraq idejk u s-swaba jekk tipprova tneħħi partijiet minn uċuh tal-metall jaħarqu.

**WARNING**

Il-Mini-Ductor II+ ma għandux jintuża minn tfal jew minn persuni b'kapaċitajiet fiżiċi, sensorji jew mentali mnaqqsa, jew li ma għandhomx esperjenza u għarfien, sakemm dan ma jsirx taħt superviżjoni jew ma jkunux ġew imħarrġa.

**WARNING**

Tfal taħt superviżjoni ma għandhomx jitħallew jilgħabu bil-Mini-Ductor II+

## C. Regoli ta' Sikurezza fl-Elettriku




**Tużax il-Mini-Ductor® II+ fix-xita, f'postijiet umdi, u tgħarrqux fl-ilma.** Jekk tuża l-Mini-Ductor® II+ fejn ikun hemm ilma jew likwidi oħra dan jista' jikkawża periklu ta' xokk elettriku.

## *Regoli ta' Sikurezza fl-Elettriku – Ikomplu*

**⚠ WARNING**

**Tużax ħażin il-wajer tal-elettriku. Qatt m'għandek tuża dan il-wajer biex iġġorr il-Mini-Ductor® II+.** Żomm il-wajer il-bogħod mis-sħana, żjut, truf li jaqtgħu u/jew partijiet li jiċċaqalqu. Tużax il-Mini-Ductor® II+ jekk il-wajer ikun bil-ħsara. Il-wajers ma jistgħux jissewwew, jistgħu jiġu mibdula biss. Wajers li jkollhom il-ħsara jikkawżaw periklu ta' xokk elettriku.

**⚠ WARNING**

**Aqla l-wajer tal-Mini-Ductor® II+ mill-plakka tal-elettriku qabel ma tbiddel xi wieħed mill-applikaturi.**

**⚠ CAUTION**

**Aqla l-wajer tal-Mini-Ductor® II+ mill-plakka tal-elettriku meta dan ma jkunx qed jintuża.**

**⚠ CAUTION**

**EXTENSION CORDS:**

**Jekk ikun meħtieġ extension cord (wajer itwal), huma awtorizzati biex jintużaw biss dawn iż-żewġ tulijiet ta' wajer mal-Mini-Ductor® II+:**

**25 pied, 14-AWG;**
**50 pied, 12-AWG.**

- Uża biss extension cord wieħed kull darba.
- Tqabbadx żewġ extension cords jew aktar wara xulxin flimkien.
- Tuża l-ebda extension cord oħra ħlief dawk speċifikati hawn fuq. Ħoll l-extension cords — extension cords li jkunu mgħaqqda ħafna jistgħu jisħnu ż-żejjed u jikkawżaw nirien.

### D. Regoli ta' Sikurezza f'Każ ta' Periklu ta' Nar

**⚠ DANGER**

**Tippruvax issaħħan bottijiet tal-ajrusol, laned taż-żebgħa, jew kull kontenitur ieħor taħt pressa li jintuża biex jinħażnu fjuwils, gassijiet kumpressati u likwidi.** Is-sħana ġġenerata mill-Mini-Ductor® II+ tista' tikkawża lil dawn il-kontenituri biex jaqbdu.

**⚠ CAUTION**

**Tuża l-ebda coil li ssaħħan jekk ikun hemm ksur fl-iżolament.** Jekk ikun hemm ksur fl-iżolament dan jista' jikkawża sparks meta jkun hemm kuntatt ma' vettura. Dan jista' jikkawża periklu ta' nar speċjalment meta jkun qed isir xogħol fuq jew ħdejn pajpijiet tal-gass u/jew tankijiet tal-gass. L-użu ta' coils mingħajr iżolament jirriżulta fi tmiem tal-garanzija.

### E. Regoli ta' Sikurezza fl-Użu ta' Għodda

**⚠ WARNING**

**Tħalix il-Mini-Ductor® II+ waħdu meta jkun MIXGĦUL.**

**⚠ WARNING**



**Kun żgur li l-Power Unit ikollu provvista sufiċjenti ta' arja għat-tkessiħ.** Kun żgur li l-ventijiet kollha tal-Power Unit tal-Mini-Ductor® II+ Power Unit huma nodfa u ħielsa mit-trab u mill-frak sabiex il-Power Unit ikollu fluss ta' arja għat-tkessiħ mingħajr xkiel.

**⚠ CAUTION**

**Tippruvaz issewwi jew tagħmel manutenzjoni lil Mini-Ductor® II+.** M'hemm l-ebda parti li tista' ssirilha manutenzjoni mill-utent, dan jista' jbiddel biss il-partijiet li jitwaħħlu mal-coil.

**⚠ CAUTION**

**Qabel ma twaħħal il-Mini-Ductor® II+ mal-plakka, kun żgur li l-vultaġġ tal-outlet ipprovdut huwa kompatibbli mal-vultaġġ immarkat fuq il-pjanċa tal-isem, b'varjanza sa 10%.** Vultaġġ minn outlet li ma jaqbilx ma' dak speċifikat fuq il-pjanċa tal-isem jista' jirriżulta f'perikli serji u ħsara għall-Mini-Ductor® II+.

**⚠ CAUTION**

**Iddawwarx u tilwix il-wajer tal-elettriku bil-qawwi, għax dan jista' jirriżulta fi ħsara fil-wajers interni.**

**⚠ CAUTION**

**Tużax il-Mini-Ductor® II+ għal aktar ħin miċ-ċiklu tal-użu.** Iċ-ċirkwit elettriniku għandu tagħmir ta' protezzjoni kontra tisħin żejjed għall-protezzjoni, madankollu l-elettrodi m'għandhomx protezzjoni kontra sħana żejda. Ċiklu tal-użu: żewġ minuti mixgħul u żewġ minuti mitfi.

**⚠ CAUTION**

Jekk il-wajer tal-elettriku jkollu l-ħsara, dan għandu jkun sostitwit mill-manifattur, l-aġent tal-manutenzjoni tiegħu jew persuni oħra kwalifikati sabiex ikun evitat kull periklu.

# II. Komponenti

1. Inverter
2. Pjanċa tas-Serje (wara)
3. Kaxxa tal-ħżin (Mhux murija)
4. Mudell
5. Wajer u plakka 220/240 AC
6. Vent (tmiem)
7. Pre-Formed® Coil
8. Bearing Buddy® Coil
9. U-Form® Coil
10. Mini-Pad® Work Coil (fakultattiv)
11. Manwal tas-sid (Mhux muri)
12. Swiċċ tal-attivazzjoni
13. Elettrodi (fuq)
14. Thumb Screw
15. L.E.D.



# III. PRINĊIPJI GĦAT-TĦADDIM

Il-**wajer tal-elettriku**, meta jkun konness ma' GFI outlet, (11) jiżgura konnessjoni b'input ta' qawwa ta' 230 VAC ertjat kif suppost. L-**inverter** (1) ibiddel il-kurrent alternanti (alternating line current) ordinarju ta' 230 volt, 50 Hz. Coil ta' ħidma, il-**Bearing Buddy® coil** (8), il-**U-Form® coil** (9), il-**Pre-Formed® coil** (7), jew **Mini-Pad®** (10), jiddaħħal fit-tarf tal-**elettrodi** (13) u mbagħad jintrabat fil-post permezz ta' **thumb screws** (14). Il-coil wara jibdel il-kurrent f'żona manjetika alternanti bi frekwenza għolja. Din iż-żona manjetika taqsam is-superfiċja ta' ħidma metallika il jgħaddi l-elettriku minnha (pereżempju l-iskorfina ffriżata) u jivvibra l-elettroni fil-metall permezz tal-prinċipju tal-induzzjoni elettromanjetika. L-enerġija kinetika tal-elttroni li jiċċaqalqu tinfirex bħala sħana, u din ssaħħan il-metall kollu li jkun jinsab viċin il-medda tal-ħidma tal-għodda. Aktar ma sustanza tinqabad faċilment bil-qawwa manjetika, aktar tiżviluppa sħana fiha. Huwa għalhekk li l-Mini-Ductor® II+ isaħħan il-metalli tal-ħadid u l-ligi tagħhom malajr, imma m'għandu l-ebda effett fuq il-ħġieġ, plastik, injam, drapp u materjali oħra li ma jgħaddix l-elettriku minnhom. Is-**swiċċ tal-attivazzjoni** (12) jintuża biex jinxtegħel u jintefa l-inverter. Agħfsu 'l ġewwa biex tixgħel l-inverter. L-inverter ser jibqa' mixgħul sakemm tibqa' tiġi applikata pressjoni fuq is-swiċċ. Neħħi l-pressjoni minn fuq is-swiċċ sabiex titfi l-inverter. Irreġistra n-numri tas-serje mill-**pjanċa tan-numru tas-serje** (2) fuq l-inverter fuq il-Karta tal-Garanzija mehmuża u impustaha.

# IV. PREPARAZZJONI GĦALL-UŻU

**⚠ WARNING**



Aqra u ifhem l-avviżi u l-prekawzjonjiet kollha ta' sikurezza f'dan il-manwal qabel ma ibda tħaddem il-Mini-Ductor® II+.

## A. Użu tal-Generator u l-Inverter

**⚠ CAUTION**

Il-Mini-Ductor® II+ huwa ddisinjat biex jopera minn linja tal-elettriku jew outlet b'kurrent alternanti normali ta' 230 volt (VAC), 50 jew 60 Hz (ċikli kull sekonda), u jopera mingħajr ebda ħsara b'vultaġġi bejn 207 u 253.

1. Generator: Xi generators portabbli, b'mod partikolari unitajiet li ma jiswewx ħafna li jipproduċu 4 kW jew anqas, mhumiex regolati u jistgħu jipproduċu aktar minn 260 VAC li jista' jikkawża ħsara lill-apparat u jħassar il-garanzija. Jekk għandek xi dubju dwar il-generator tal-elettriku li se jkun qed jissupplixxi l-qawwa lill-Mini-Ductor® II+, sejjaħ lil kuntrattur professjonali tal-elettriku sabiex ikejjel il-vultaġġ tal-generator permezz ta' voltmeter diġitali. Kejjel il-vultaġġ meta l-magna tal-generator tkun sħuna u mingħajr tagħbija. F'xi generators, il-vultaġġ jista' jitnaqqas billi titnaqqas il-veloċità tal-magna.
2. Inverter: DC għal AC operazzjoni tal-Inverter; Uża biss inverter ta' 1.8 kW jew b'mewġa sinusojdali akbar. L-użu ta' inverter kwadru jew b'mewġa kważi-sinusojdali jħassar il-garanzija.

# V. L-użu tal-Pre-Formed® coil

Funzjoni: Il-**Pre-Formed® coil** (7) tintuża biex issaħħan skorfini, apparat tal-għeluq, għat-tneħħija ta' tqalfit, ċappetti ffriżati ta' bibien, boltijiet tal-egżost manifold, boltijiet minn taħt it-trakkijiet, Sensers (O$^2$) eċċ.

**⚠ CAUTION**



Il-ħajja tal-Pre-Formed® coil tista' tkun estiża billi jissaħħnu l-oġġetti biżżejjed sa tali punt li tinqasam ir-rabta tas-sadid iffriżat. L-iżolament tal-coil eventwalment jaħraq ir-rabta meta dan jinżamm direttament fuq skorfini jaħarqu, u dan jista' jħassar il-garanzija.

A. Kif tħoll Skorfini u Boltijiet ta’ ≤ 3/4” li huma mikula, imsaddin u “ffriżati”

**Pass 1** Wettaq l-istruzzjonijiet “Preparazzjoni għall-Użu".

**Pass 2** Agħfas is-swiċċ tal-attivazzjoni sabiex tixgħel il-Mini-Ductor® II+.

**Pass 3** Ressaq il-Pre-Formed® coil madwar l-iskorfina ffriżata, għall-ewwel għal żewġ sekondi biss, ressaqha lura, u pprova neħħi l-iskorfina bi spanner jew sokit. Jekk din tibqa’ ma tiċċaqlaqx, applika l-Pre-Formed® coil għal żewġ sekondi oħra, u imbagħad erġa’ pprova bl-ispanner. Ħafna drabi ma jkunx hemm għalfejn li skorfina tissaħħan sa punt li tiġi taħraq nar sabiex tneħħilha l-korrożjoni li tkun qed iżżommha mal-bolt.

# VI. L-UŻU TAL-U-FORM® COIL

Funzjoni: Il-U-Form® coil tista’ tingħata l-forma sabiex twettaq ix-xogħol ta’ kull waħda mill-coild ta’ qabel, għal tneħħija ta’ partijiet speċifiċi, u t-tneħħija ta’ għafsiet tas-silġ/daqqiet żgħar.

## Kif tħoll Skorfini u Boltijiet ta’ >3/4” li huma mikula, imsaddin u “ffriżati”

**Pass 1** Wettaq l-istruzzjonijiet “Preparazzjoni għall-Użu".

**Pass 2** Ipprepara l-coil skont id-daqs tal-iskorfina billi ddawwru madwar sokit li huwa tajjeb għal dik l-iskorfina.

***Parir:*** *Aktar ma ddawwar mill-coil aktar tisħon malajr.*

**Pass 3** Daħħal iż-żewġt itruf tal-U-Form® coil fl-elettrodi u ssikka t-thumb screws.

**Pass 4** Ressaq il-U-Form® coil madwar l-iskorfina li mhix qed iddur, għall-ewwel għal żewġ seokndi biss, ressaqha lura, u pprova neħħi l-iskorfina bi spanner jew sokit. Jekk din tibqa’ ma tiċċaqlaqx, applika l-U-Form® coil għal żewġ sekondi oħra, u imbagħad erġa’ pprova bl-ispanner. Ħafna drabi ma jkunx hemm għalfejn li skorfina tissaħħan sa punt li tiġi taħraq nar sabiex tneħħilha l-korrożjoni li tkun qed iżżommha mal-bolt.

A. Kif iċċekken għafsiet tas-silġ / daqqiet żgħar bis-sħana f’folji tal-metall

**Pass 1** Wettaq l-istruzzjonijiet “Preparazzjoni għall-Użu".

**Pass 2** Ipprepara l-Coil biex tiġi tidher bħad-dijagramma fuq il-lemin.

**Pass 3** Waqt li żżomm il-U-Form® coil bejn ½ pulzier sa pulzier il-fuq mill-għafsa, dawwarha b’mossi żgħar f’forma ta’ ċirku u ressaqha dejjem aktar lejn l-għafsa, imma dejjem żomm il-coil mad-dawra ta’ barra tal-għafsa. Hekk kif id-daqqa tiċkien, ressaq il-U-Form® coil ura malajr u kessaħ l-għafsa trattata b’biċċa ċarruta mxarrba. Jekk l-għafsa tidħol lura tkun qed issaħħan id-dawra jew mhux il-bogħod biżżejjed mad-dawra ta’ fejn titla’ ’l fuq l-għafsa. Ibqa’ rrepeti l-proċedura sakemm din titneħħa kompletament.



***Parir:*** *Ladarba jibda tiela d-duħħan mill-għafsa neħħi l-U-Form® coil immedjatament miż-żona. Dan huwa l-punt meta ż-żebgħa tibda titla’ (tifforma bżieżaq). Għandek toqgħod attent fuq żebgħa bajda u ta’ kulur ċar, għax dawn għandhom it-tendenza li jisfaru aktar malajr minn żebgħa b’kuluri skuri.*




**Trouble Shooting:** Jekk id-daqqa ma tidhirx li tkun

trid tonqos fid-daqs, dan jista' jkun għax ikun hemm qarsa fil-metall jew il-metall ikun iġġebbed wisq.

| | |
|---|---|
| Side View | Dehra mill-ġenb |
| Crown | Id-dawra |
| Hail or Soft Dent | Għafsa tas-silġ jew daqqa ħafifa |
| Top View | Dehra minn fuq |
| Sheet Metal | Pjanċa tal-metall |
| Work in a circle inward, around the outside of the crown. | Aħdem f'ċirku 'l ġewwa, madwar il-parti ta' barra tad-dawra mtella' |

# VII. L-UŻU TAL-BEARING BUDDY® COIL

Funzjoni: Il-**Bearing Buddy® coil** (8) tintuża biex jinħeles kanal tal-ball bearings mill-fus (axle housing), sensers tal-$O^2$ iffriżati, jitneħħew ball joints, u truf tie-roc.

## A. Kif tespandi parti sabiex tneħħi parti ingasstata

**Pass 1** Wettaq l-istruzzjonijiet "Preparazzjoni għall-Użu".

**Pass 2** Daħħal tarf wieħed tal-Bearing Buddy® coil f'wieħed mill-elettrodi u ssikka t-thumb screw.

**Pass 3** Dawwar il-coil tal-anqas 3 darbiet madwar il-parti li se taħdem fuqha li trid tespandi.

***Parir:*** *Aktar ma ddawwar mill-coil aktar tisħon malajr.*

**Pass 4** Daħħal it-tarf l-ieħor fl-elettrodu li baqa' li għadu miftuħ u ssikka t-thumb screw.

**Pass 5** Agħfas l-iswiċċ tal-attivazzjoni biex tixgħel il-Mini-Ductor® II+.

**Pass 6** Saħħan sakemm ikun espanda biżżejjed biex tneħħi l-kanal tal-ball bearings.

**Pass 7** Itlaq is-swiċċ u ħoll iż-żewġ thumbscrews biex tneħħi l-Bearing Buddy® coil.

# VIII. L-UŻU TAL-MINI-PAD® (fakultattiv)

Funzjoni: Il-Mini-Pad® (10) tintuża għat-tneħħija ta' stickers, decals, disinni, armi, forom żgħar li jitwaħħlu fuq il-ġenb tal-karozza u pin striping (linji irqaq ta' żebgħa).

## A. Kif tneħħi partijiet magħquda.

**Pass 1** Wettaq l-istruzzjonijiet "Preparazzjoni għall-Użu".

**Pass 2** Daħħal iż-żewġt itruf tal-Mini-Pad® fl-elettrodi u ssikka t-thumb screws.

**Pass 3** Agħfas l-iswiċċ tal-attivazzjoni biex tixgħel il-Mini-Ductor® II+.

**Pass 4** Applika l-Mini-Pad® fit-tarf mal-parti li tixtieq tneħħi għal żewġ sekondi. Ladarba tkun tista' tibda tqaxxar il-parti li tixtieq tneħħi, ikollok erja li tista' tiġbed sabiex iżżomm il-pressjoni minn naħa ta' barra. Erġa' applika l-Mini-Pad® fuq il-parti, biex tibqa' taħdem fuqha filwaqt li żżomm il-pressjoni minn barra, sakemm il-parti titneħħa kompletament.

# IX. Trouble Shooting

1. L-inverter tal-Mini-Ductor® II+ huwa ddisinjat biex jieqaf jaħdem jekk jisħon iż-żejjed, madankollu, l-elettrodi M'GĦANDHOMX mekkaniżmu biex jieqfu jaħdmu jekk jisħnu ż-żejjed. Din hi r-raġuni għalfejn hemm ċiklu ta' ħidma għall-Mini Ductor. Żewġ minuti mixgħul u żewġ minuti mitfi. Jekk l-għodda tieqa f'daqqa waġda: iċċekkja biex tara li l-apparat għadu pplakkjat f'outlet AC li jaħdem sew. Kun żguq ukoll, jekk tkun qed tuża wajer biex ittawwal (extension cord), li

m'hemm l-ebda qatgħa fil-wajer. Ħalli l-apparat jibred għal tal-anqas 30 minuta u mbagħad erġa' ixgħelu. Jekk jibqa' jkollok problemi ċempel lid-dealer tiegħek.

2. Jekk ikun hemm nuqqas ta' output ta' qawwa, dan jista' jkun qed jirriżulta mill-użu ta' extension mhux adattat jew xi apparat li jitwaħħal li jkollu l-ħsara. Id-daqs u t-tul adattati tal-wajer huma 25 pied., 14-AWG **jew** 50 pied, 12-AWG. Tużax ikat minn wajer wieħed fl-istess ħin biex ittawwal (extension cord).
3. For other problems contact your dealer.

# X. Kif għandek iżżarma u taħżen l-apparat

**CAUTION**



Itfi l-pparat u ħallih jibred għal tal-anqas 30 minuta flimkien mal-coils li tkun użajt qabel ma żżarmah, tnaddfu jew terfgħu. Jekk tmiss l-apparat jew il-partijiet qabel ma jkunu birdu tista' tweġġa'; jekk taħżen l-apparat waqt li jkun għadu jaħraq jista' jirriżulta fi ħsara għall-apparat jew jippreżenta periklu ta' nar.

**Pass 1** Meta tispiċċa x-xogħol, ITFI l-apparat billi titlaq is-swiċċ u kun żgur li l-fann ta' ġewwa jkun waqaf jaħdem.
**Pass 2** Aqla' l-plakka (11) mill-outlet jew mill-wajer biex ittawwal (extension cord).
**Pass 3** Poġġi l-apparat u l-coils fil-forom tal-fowm fil-kaxxa tal-ħżin.

# XI. Istruzzjonijiet għat-tindif

## A. Kura xierqa għat-tindif

**Pass 1** Kun żgur li l-apparat huwa mitfi u maqugħ mill-plakka. Uża ċarruta jew karta li tista' timsaħ biha (paper towel) li tkun niexfa, nadifa u li ma tobroxx sabiex tneħħi griż, żjut u ħmieġ ieħor mill-inverter, mill-għodda u mill-wajer tal-elettriku qabel ma terġa' terfagħhom fil-kaxxa tagħhom.
**Pass 2** Għal griż, żjut u ħmieġ li jkun aktar diffiċli tneħħih uża prodotti mhux volatili għat-tindif ta' ġewwa tal-karozza li huma faċilment disponibbli.
Ħalli l-komponenti kollha jinxfu kompletamnt qabel ma tuża l-Mini-Ductor® II+.

## B. Kura mhux xierqa għat-tindif

- TGĦADDASX il-komponenti tal-apparat fl-ilma jew f'xi soluzzjoni tat-tindif.
- TISSPREJJAX l-apparat bi sprej tal-ilma minn pajp, u taħsilx il-partijiet taħt ilma nieżel minn vit, idranti jew xawers.
- TNADDAFX il-komponenti b'komposti organiċi volatili bħal gażolina, beżen, pitrolju, metiletilketon (MEK), żejt tal-karburant, likwidu għat-tindif tal-brekijiet, likwidu għat-tneħħija taż-żebgħa u tinners, likwidi li jneħħu l-verniċ, solventi għa plastik li jwaħħal (plastic adhesive solvents), eċċ. Dawn is-sustanzi jippreżentaw periklu ta' nar u jistgħu jwebbsu jew iħollu l-materjali tal-polimer li huma uati fil-komponenti tal-Mini-Ductor® II+.
- TUŻAX heat guns, ħiters tal-ispazju, torċijiet, microwaves jew fran eċċ. biex tnixxef il-komponenti tal-Mini-Ductor® II+ wara t-tindif.

# XII. GARANZIJI U/JEW TISWIJIET

## A. GARANZIJA LIMITATA

1. Induction International Inc. tagħti garanzija li l-Inductor® Mini-Ductor® II+ u kull parti minnu huma ħielsa minn difetti kemm fil-materjali u kemm fix-xogħol għal żmien sena mid-data meta dan jinxtara għall-ewwel darba, esklużi l-coils kollha, meta dan jitħaddem skont il-*Manwal tal-Istruzzjonijiet għat-Tħaddim u s-Sikurezza*. Din il-garanzija hija estiża għax-xerrej oriġinali, meta tingħata prova tax-xiri. Induction International Inc. tkopri l-ispejjeż għat-trasportazzjoni fuq l-art

meta tirrotorna apparat li jkun issewwa taħt il-garanzija. Din il-garanzija tkopri biss l-ispiża għall-partijiet u x-xogħol sabiex il-prodott jerġa' jinġab lura f'kundizzjoni ta' ħidma tajba. Spejjeż ta' trasport u spejjeż addizzjonali assoċjati ma' tiswijiet taħt il-ġaranzija ma jitħallsux lura taħt din il-garanzija. Is-servizz tal-garanzija huwa disponibbli biss mingħand Induction International Inc. Din il-garanzija ma tkoprix difetti li jirriżultaw minn użu ħażin, abbuż, negliġenza, inċidenti, użu regolari, tibdiliet, modifiki, tbagħbis, jew tiswija minn ħaddieħor apparti l-manifattur. Din il-garanzija qed tingħata milflok kull garanzija oħra jew espressa jew implikata, inkluż garanziji ta' adegwatezza għall-kummerċ u adegwatezza għal użu partikolari. Induction International Inc. ma tassumi l-ebda responsabilità għal ħsarat indiretti, aċċidentali jew konsegwenzjali. Ċerti Stati ma jippermettux l-esklużjoni jew il-limitazzjoni ta' ħsarat aċċidetali jew konsegwenzjali, jew il-limitazzjonijiet u l-esklużjonijiet jistgħu ma japplikaw għalik. Din il-Garanzija Limitata tagħtik drittijiet legali speċifiċi, u inti tista' wkoll ikollok drittijiet oħra li jvarjaw minn Stat għal ieħor. Il-garanzija mhix valida sakemm il-karta tal-garanzija ma tkunx ġiet irritornata fi żmien 30 ġurnata mid-data tax-xiri. L-ebda apparat m'hu ser jingħata garanzija mingħajr prova tax-xiri. It-trasport għandu jitħallas mill-konsumatur. It-trasport biex ikun irritornat l-apparat jitħallas mill-fabbrika għal unitajiet li jissewwew taħt il-garanzija. It-trasport biex jitbagħat lura l-apparat isir fuq l-art, sakemm il-konsumatur ma jkunx jixtieq li jħallas għal servizz aktar mgħaġġel. Induction International Incorporated mhix responsabbli għal appart(i) mitluf(a), misruq(a) jew li ssirlu (ssirilhom) ħsara minġabba t-trasport. Il-garanzija ma tistax tkun trasferita. Meta wieħed jibgħat lura Inductor® Mini-Ductor® II+, il-coils u l-aċċessorji kollha għandhom jintbagħtu lura mal-apparat sabiex dawn jikkwalifikaw għal tiswija taħt il-garanzija. Ċempel lid-distributur tiegħek biex tirċievi awtorizzazzjoni biex tibgħat l-apparat qabel ma tibgħatu għat-tiswija.

# Definizzjonijiet

- **Anneal**: [uh-neel] ***(Għoti ta' tempra)*** [1]tisħin ta' metall għat-tneħħija jew prevenzjoni ta' stress minn ġewwa.
- **Ampere**: [am-peer, am-peer] [1]l-unità bażi SI ta' kurrent elettriku, ekwivalenti għal coulomb kull sekonda. *Abbrevjazzjoni:* A, amp.
- **AWG**: [1]abbrevjazzjoni ta' American Wire Gauge.
- **Capacitance**: [k*uh*-pas-i-t*uh*ns] ***(Kapaċitanza)*** [1]il-kapaċità ta' oġġett li jiġbor ċarġ tal-elettriku. *Simbolu:* C
- **Celsius**: [selsiəs] jew centigrade, [1] Ta' jew relatat għal skala ta' temperatura li tirreġistra l-punt tal-iffriżar tal-ilma bħala 0° u l-punt tat-togħlija bħala 100° taħt pressjoni atmosferika normali.
- **Circuit**: [sur-kit] ***(Ċirkwit)*** [1] Jissejjaħ ukoll electric circuit. il-passaġġ komplet ta' kurrent elettriku, inkluż l-apparat li jiġġenerah, reżisters li jintervjenu jew kondutturi.
- **Concentrator®**: [kon-suhn-treyt-or] [1]inductor b'isem ta' prodott irreġistrat użat għat-tneħħija ta' għafsiet minħabba silġ, skorfini ffriżati, u tagħmir ieħor iffriżat jew imsaddad minn karozzi.
- **Conductivity**: [kon-duhk-tiv-i-tee] ***(livell ta' konduzzjoni)*** [1] Imsejħa wkoll specific conductance. *Elettriku.* kejl tal-abilità ta' sustenza magħrufa li tgħaddi kurrent elettriku, ugwali għar-reċiproku tar-reżistenza tas-sustanza. *Simbolu:* σ
- **Current**: [kur-*uh*nt,] ***(Kurrent)*** [1]ir-rata tal-ħin għall-fluss ta' ċarġ tal-elettriku, fid-direzzjoni li tieħu ċarġ pożittiva u li tkun ugwali għall-kwantità ta' ċarġ għal kull unità ta' ħin: jitkejjel f'amperes.
- **Degree**: [di-gree] ***(Grad)*** [1]unità ta' kejl, bħal temperatura jew pressjoni.
- **Eddy Current**: [ed-ee kur-*uh*nt] [1]kurrent elettriku f'materjal konduttiv li jirriżulta minn induzzjoni permezz ta' żona manjetika li tiċċaqlaq jew tvarja.
- **Electromagnetic Interference**: [i-lek-troh-mag-net-ik in-ter-feer-*uh*ns] ***(Interferenza Elettromanjetika)*** [1]Kull xkiel elttromanjetiku li jwaqqaf, itellef, jew b'xi mod ieħor inaqqas jew jillimita l-prestazzjoni effettiva ta' apparat elettroniku/elettriku. *abbrevjazzjoni E.M.I.*
- **Fahrenheit**: [far-*uh*n-hahyt] [1]Ta' jew li jirrelata għal skala ta' temperatura li tirreġistra l-punt tal-iffriżar tal-ilma bħala 32° u l-punt tat-togħlija bħala 212° f'atmosfera waħda ta' pressjoni
- **Farad**: [far-*uh*d] [1]l-unità SI ta' kapaċitanza, definita b'mod formali bħala l-kapaċitanza ta' konduttur bejn il-pjanċi fejn jidher li hemm differenza potenzjali ta' volt meta dan ikun iċċarġjat bi kwantità ta' elettriku ugwali għal coulomb. *Simbolu:* F
- **Fast-Off®**: [fast awf] [1]inductor b'isem ta' prodott irreġistrat li jintuża għat-tneħħija ta' forom fuq il-ġenb tal-karozza, grafika bil-vinil, u partijiet oħra magħquda li jeħlu ma' karozzi.
- **Ferrite**: [fer-ahyt] ***(Ferrite)*** [1] *kimika* kompost, bħal $NaFeO_2$, iffurmat meta ossidu ferriku jiġi mgħaqqad ma' ossidu metalliku aktar bażiku. [2] *Metallurġija* il-kostitwent put tal-ħadid ta' metalli tal-ħadid, distint minn karburi tal-ħadid
- **Ferrous**: [fer-uhs] ***(tal-ħadid)*** [1]ta' jew li jkun fih il-ħadid.
- **Flux**: [fluhks] ***(fluss)*** [1]Il-linji tal-forza ta' żona elettrika jew manjetika.
- **Frequency**:[ free-kw*uh*n-see] ***(frekwenza)*** [1]in-numru ta' ċikli jew alternanzi kompleti għal kull unità ta' ħin ta' mewġa jew oxxikkazzjoni. *Simbolu:* F; *Abbrevjazzjoni:* freq.
- **G.F.I.**: *ara Ground Fault Interrupter.*

- **Glass Blaster®**: [glahs, glas] [1]inductor b'isem ta' prodott irreġistrat li jintuża għat-tneħħija ta' ħġieġ u panelli tal-karozzi. Jista' jkun parti li tiġi miżjuda jew apparat uniku.
- **Ground Fault Interrupter**: [ground fawlt in-t*uh*-ruhp-ter] [1] circuit breaker li jinduna bil-kurrenti kkawżati minn nuqqasijiet fl-art u jwaqqaf l-elettriku immedjatament qabel ma tkun tista' ssir ħsara lill-apparat.
- **Henry**: [hen-ree] [1] l-unità SI ta' induttanza, definita b'mod formali bħala induttanza ta' ċirkwit magħluq fejn tiġi prodotta forza elettromotiva ta' volt meta l-kurrent elettriku fiċ-ċirkwit ivarja b'mod uniformi b'rata ta' ampere kull sekonda. *Abbrevjazzjoni:* H
- **Hertz**: [hurts] [1] l-unità SI ta' frekwenza, ugwali għal ċiklu kull sekonda. *Abbrevjazzjoni:* Hz
- **Hysteresis**: [his-t*uh*-ree-sis] ***(Isterisi)*** [1]id-dewmien fir-rispons li jseħħ f'oġġett meta dan jirreaġixxi għal bidliet il-forzi, speċjalment forzi manjetiċi, li jaffetwawh.
- **HF**: (High Frequency [hī free-kw*uh*n-see] ***(Frekwenza għolja)***) [1]il-medda ta' frekwenzi fl-ispektrum tar-radju bejn 3 u 30 megahertz.\
- **Inductance**: [in-duhk-t*uh*ns] ***(Induttanza)*** [1] il-kapaċità ta' ċirkwit li biha bidla fil-kurrent jikkawża, permezz ta' induzzjoni elettromanjetika, forza elettromotiva. *Simbolu:* L
- **Induction**: [in-duhk-sh*uh*n] ***(Induzzjoni)*** [1]il-proċess li bih oġġett li għandu kapaċitajiet elettriċi jew manjetiċi jipproduċi manjetiżmu, ċarġ elettrika, jew forza elettromotiva f'oġġett li jkun fil-viċin mingħajr ma jkun hemm kuntatt.
- **Inductor**: [in-duhk-tor] [1] coil użat biex tkun introdotta induttanza f'parti tal-ħadid. [2](Inductor®) Isem ta' ditta rreġistrat tal-uniku sistema ta' tisħin induzzjoni bi privattivi għas-suq ta' wara l-bejgħ tal-karozzi.
- **Inverter**: [in-vur-ter] [1]apparat li jibdel kurrent dirett f'kurrent alternanti.
- **Kilowatt**:[kil-*uh*-wot] [1]unità ta' qawwa, ugwali għal 1000 watts. *Abbrevjazzjoni:* kW kw
- **Ohm**: [ohm] [1] l-unità SI ta' reżistenza elettrika, definita bħalla r-reżistenza elettrika bejn żewġ punti ta' konduttur meta differenza potenzjali kostanti applikata bejn dawn il-punti tipproduċi kurrent ta' ampere f'dan il-konduttur. Ir-reżistenza f'ohms b'mod numeriku hija ugwali għall-kobor tad-differenza potenzjali. *Simbolu:* Ω
- **Resistance**:[ri-zis-t*uh*ns] ***(Reżistenza)*** [1]kapaċità ta' konduttur li biha jiġi oppost il-passaġġ tal-kurrent, u dan jikkawża li l-qawwa elettrika tinbidel fi sħana.
- **Rosebud®**:[ rohz-buhd] [1]isem ta' prodott be trejdmark, inductor użat biex tingħata tempra, tisħin tar-rejl tal-frejm biex isir dritt, eċċ.
- **Temper**:[ tem-per] ***(Temprar)*** [1] il-grad ta' ebusija u s-saħħa mogħtija lil metall, permezz ta' tixrib, trattament bis-sħana jew xogħol fil-kesħa. [2] l-operazzjoni li ssaħħaħ.
- **Volt**: [vohlt] [1]l-unità SI ta' differenza potenzjali u forza eletromotiva, definita b'mod formali bħala d-differenza ta' potenzjal elettriku bejn żewġ punti ta' konduttur li jġorr kurrent kostanti ta' ampere, meta l-qawwa mqassma bejn dawn il-punti hija ugwali għal watt. *Abbrevjazzjoni:* V
- **Voltage**: [vohl-tij] ***(Vultaġġ)*** [1]forza eletromotiva jew differenza potenzjali espressa f'volts.
- **Watt**: [wot] [1]l-unità tal-qawwa SI, ekwivalenti għal joule kull sekonda u ugwali għall-qawwa f'ċirkwit fejn kurrent ta' ampere jgħaddi minn differenza potenzjali ta' volt. *Abbrevjazzjoni:* W, w.

Id-Dealer tal-Mini-Ductor® II+ tiegħi:
Kumpanija: ____________________________________
Kuntatt: _______________________________________
Indirizz: _______________________________________
Belt _______________ Pajjiż_________Kodiċi postali
Numru tat-telefown: ____________________________
Numru tat-telefown ieħor:________________________
Faks: __________________________________________
Email: _________________________________________
Websajt:________________________________________

Mini-Ductor® II+

Mudell: *Mini-Ductor® II+ CE*

Numru tas-Serje: _____

Noti: